MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2004

Numru. 885/2004

PULIZIJA
SPETTUR MARTN SAMMUT
VS
OLVIN FALZON

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Olvin Falzon ta' 28 sena, iben Carmel u Helen nee Sciberras, imwieled fil-21 ta' Gunju 1976 Pieta, u residenti 51, Thanks God, Triq Karmenu Vassallo Iklin ID 314576M talli f'dawn il-gzejjer nhar is-16 t'Ottubru 2004 ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta' bil-lejl, gewwa l-istabbliment Empire, sitwat fi Triq San Gorg San Giljan, minghajr il-hsieb li joqtol, jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt meta ittanta jkkaguna offiza ta' natura gravi fil-gisem ta' Svetlana Buhagiar, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u

indipendenti mill-volonta tieghu u dan bi ksur ta' artikoli 41, 214, 216, 217 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ikkaguna ferita hafifa fuq il-gisem ta' Svetlana Buhagiar permezz ta' strument li jaqta u bil-ponta u dan bi ksur ta' artikolu 221 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fil-hin li ghamel delitt kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari u dan bi ksur ta' artikolu ta' kap 66 tal-Ligijiet a' Malta.

Talli f'dawn il-gzejjer nhar s-16 t'Ottubru 2004 u l-gimgha ta' qabel gewwa San Giljan u bnad ohra f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu, f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13 tal-kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Talli irrenda ruhu ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtja nhar it-28 t'April 2004 liema sentenza hija defnittiva u ma tistax tinbidel.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbali tat-18 t'Ottubru 2004 u tat-30 ta' Novembru 2004 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 41, 214, 216, 217, 221, 28A, 13, 49, 50 tal-kap 9 u Art 26 tal-kap 66 u tikkundanna lill-imputat ghall-tmintax il-xahar prigunerija

sospizi ghal tlett snin filwaqt li tordna il-konfiska tal-arma esebita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------